MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Numru. 800/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Carmel Sammut**

Kumpilazzjoni Nru: 800/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Sammut**,** ta’ 54 sena, bin Salvu u Rosina nee’ Sciberras, imwieled il-Pieta’ nhar it-8 ta’ Ottubru 1954, joqghod 5, Edmaure, flat 2, Triq L-Assemblea Nazzjonali, Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 771054M.

Talli f' April 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bi hsara tal-Gvern ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xierqa ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis- Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igiegħel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor;

3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjoniet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 42, 48A, 121A(2), 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 19 ta' Frar 2010 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat odjern jinkwadraw ruhhom f'kaz ferm aktar wiesa' u li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm jew kien hemm proceduri penali pendenti.

Illi l-involviment ta' kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta' imputazzjonijiet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta'l-agir kriminuz da parti ta' kull wiehed mill-persuni involuti f'dan il-kaz.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat laqqa' persuna li kellha xi pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma' persuna ohra li da parti taghha kellha kuntatt ma' ufficjal fid-dipartiment. L-imputat jaf li saret laqa' bejn dawn it-tlett persuni ghaliex kien prezenti pero ma jafx id-dettalji ta' l-arrangament li ntlahaq bejniethom. Ta' dan l-

imputat ha xi oggetti li ma jiswewx aktar minn mitejn Euro (€200).

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ikkollabora ma'l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss f'l-istqarrija imma anke f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42, 48A, 121A(2), 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija li b'appikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn (2) u qed tikkundannah ukoll ghal multa ta' mitejn Euro (€200) li ghandhom jithallsu fi zmien xahrejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f'perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------